**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 9 ta' Awwissu 2024

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Petronela-Claudia Ciubotariu**

(Detentriċi tal-passaport Rumen bin-numru 064999128)

**Il-Qorti,**

Rat li Petronela-Claudia Ciubotariu ta' wieħed u erbgħin (41) sena, ta' nazzjonalità Rumena, bint Pedru u Elena, imwielda ġewwa r-Rumanija fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija tlieta u tmenin (1983) u residenti ġewwa post mhux magħruf u detentriċi tal-Passaport Rumen bin-numru 064999128 tressqet taħt arrest u ġiet akkużata f'isem ir-Repubblika ta' Malta talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'dana li fit-tmienja (8) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn id-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs) u l-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (17:30hrs) ġewwa Kiabi, Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar u/jew fi bnadi oħra ġewwa l-gżejjer Maltin:

1. Ikkommettiet serq ta' kartieri u/jew flus kontanti u/jew oġġetti jew dokumenti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-detriment ta' Josef Bonnici u/jew Karen Bonnici u/jew Mabel Buhagiar u/jew Julia Medvedeva u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra;

Ukoll talli fit-tmienja (8) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn l-għaxra u nofs ta' filgħodu (10:30hrs) u t-tlieta ta' wara nofs in-nhar (15:00hrs) Ġewwa Triq il-Mosta, San Pawl il-Baħar u/jew fi bnadi oħra ġewwa l-gżejjer Maltin:

2. Ikkommettiet serq ta' kartieri u/jew flus kontanti u/jew oġġetti jew dokumenti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-detriment ta' Doris Vella u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra;

Ukoll talli fid-disgħa (9) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn is-sebgħa ta' filgħodu (07:00hrs) u t-tlieta ta' wara nofs in-nhar (15:00hrs) Ġewwa Triq San Pietru, Mdina u/jew fi bnadi oħra ġewwa 1-gżejjer Maltin:

3. Ikkommettiet serq ta' kartieri u/jew flus kontanti u/jew oġġetti jew dokumenti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix 1-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-detriment ta' Ianina Pankratova u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra;

Ukoll talli fid-disgħa (9) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta’ bejn l-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs) u t-tlieta ta' wara nofs in-nhar (15:00hrs) ġewwa il-Fontanella u/jew fil-ġonna tal-madwar Ġewwa l-Mdina u/jew fi bnadi oħra Ġewwa l-gżejjer Maltin:

4. Ikkommettiet serq ta' kartieri u/jew flus kontanti u/jew oġġetti jew dokumenti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix 1-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-detriment ta' Emmanuela Hanratty u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra;

Ukoll talli fit-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn id-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs) u s-siegħa ta' wara nofs in-nhar (13:00hrs) ġewwa 14, Triq San Nikola, Mdina u/jew Ġewwa il-Fontanella Mdina u/jew fi bnadi oħra ġewwa 1-gżejjer Maltin:

5. Ikkommettiet serq ta' kartieri u/jew flus kontanti u/jew oġġetti jew dokumenti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix 1-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-detriment ta' John Robert George Finch u/jew Norman James Mcleod u/jew Renzo Golfetto u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra;

Ukoll talli fit-tlettax (13) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn id-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs) u 1-hamsa ta' wara nofs in-nhar (17:00hrs) Ġewwa 1-Pjazza San Ġorġe, il-Belt Valletta u/jew Ġewwa 1-Mdina u/jew fi bnadi oħra ġewwa l-gżejjer Maltin:

6. Ikkommettiet serq ta' kartieri u/jew flus kontanti u/jew oġġetti jew dokumenti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix 1-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-detriment ta' James Rhydian u/jew Pitcher Brian John u/jew persuna/i naturali u/jew guridiċi oħra;

Ukoll talli fl-erbatax (14) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn l-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs) u s-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar (14:00hrs) ġewwa Triq Villegaignon l-Mdina u/jew fi bnadi oħra ġewwa 1-gżejjer Maltin:

7. Ikkommettiet serq ta' kartieri u/jew flus kontanti u/jew oġġetti jew dokumenti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-detriment ta' Gaetana Brundo u/jew Antonino Serafla u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra;

Ukoll talli fil-ħmistax (15) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn l-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs) u s-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar (14:00hrs) ġewwa Triq Villegaignon l-Mdina u/jew Triq is-Sur, l-Mdina u/jew fi bnadi oħra ġewwa l-gżejjer Maltin:

8. Ikkommettiet serq ta' kartieri u/jew flus kontanti u/jew oġġetti jew dokumenti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix 1-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-detriment ta' Ivica Anakovic u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra;

Ukoll talli fis-sittax (16) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn l-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs) u s-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar (14:00hrs) ġewwa l-Mdina u/jew fi bnadi oħra Ġewwa l-gżejjer Maltin:

9. Ikkommettiet serq ta' kartieri u/jew flus kontanti u/jew oġġetti jew dokumenti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix 1-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-detriment ta' Jerzy Adam Targonski u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra;

Ukoll talli fis-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn il-ħdax ta' filgħodu (11:00hrs) u l-ħamsa ta' wara nofs in-nhar (17:00hrs) ġewwa Triq San Pawl il-Baħar, Rabat u/jew ġewwa Wesgħa ta' Sant' Agata, I-Mdina u/jew fi bnadi oħra ġewwa l-gżejjer Maltin:

10. Ikkommettiet serq ta' kartieri u/jew flus kontanti u/jew oġġetti jew dokumenti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-detriment ta' Beatrice Katharina Caruso-Wager u/jew Sandra Lesley Lowe u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra;

Ukoll talli fit-tmintax (18) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn il-ħdax u nofs ta' filgħodu (11:30hrs) u l-ħamsa ta' wara nofs in-nhar (17:00hrs) ġewwa Triq Santu Rokku, l-Mdina u/jew Ġewwa Pjazza tas-Sur, l-Mdina u/jew fi bnadi oħra ġewwa l-gżejjer Maltin:

11. Ikkommettiet serq ta' kartieri u/jew flus kontanti u/jew mobile phone u/jew oġġetti jew dokumenti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-detriment ta' Herrmann Kurt Knut Frank u/jew Crone Uwe u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi Oħra;

Ukoll talli fit-tmintax (18) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn nofs in-nhar (12:00hrs) u t-tlieta ta' wara nofs in-nhar (15:00hrs) ġewwa il-Fontanella Mdina u/jew fi bnadi oħra ġewwa l-gżejjer Maltin:

12. Ikkommettiet serq ta' kartieri u/jew flus kontanti u/jew oġġetti jew dokumenti Oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix I-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-detriment ta' So Mei Chan u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi Oħra;

Ukoll talli fis-dsatax (19) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn l-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs) u s-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar (14:00hrs) ġewwa Triq San Pawl, 1-Mdina u/jew fi bnadi oħra ġewwa 1-gżejjer Maltin:

13. Ikkommettiet serq ta' kartieri u/jew flus kontanti u/jew oġġetti jew dokumenti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix 1-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar ghad-detriment ta' Philip Mok u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra;

Ukoll talli fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn 1-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs) u t-tlieta ta' wara nofs in-nhar (15:00hrs) Ġewwa 1-Mdina u/jew fi bnadi oħra ġewwa 1-gżejjer Maltin:

14. Ikkommettiet serq ta' kartieri u/jew flus kontanti u/jew oġġetti jew dokumenti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix 1-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-detriment ta' Antonio De Santo u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra;

Ukoll talli fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn 1-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs) u 1-hamsa ta' wara nofs in-nhar (17:00hrs) ġewwa Matalan, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta u/jew fi bnadi oħra Ġewwa 1-gżejjer Maltin:

15. Ikkommettiet serq ta' kartieri u/jew flus kontanti u/jew oġġetti jew dokumenti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix 1-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-detriment ta' Lydia Dawn Clark u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra;

U f’isem ir-Repubblika ta' Malta nakkużawha wkoll talli fix-xahar ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħ0a u għoxrin (2024) ġewwa l-gżejjer Maltin u/jew barra minn dawn il-gżejjer, wettqet ir-reat li ġej:

16. Għamlet atti ta' money laundering billi:-

i. Ikkonvertiet jew ittrasferixxiet proprjetà meta kienet taf jew issuspettat li dik il-proprjetà kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta' attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f’attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini tal-propjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f’attività kriminali;

ii. Ħbiet jew uriet ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjetà, meta kienet taf jew issuspettat li dik il-propjetà kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f’attività kriminali;

iii. Akkwistat, ippussessat jew użat propjetà meta kienet taf jew issusspettat li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f’attività kriminali;

iv. Irriteniet mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjetà meta kienet taf u/jew issusspettat li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f’attività kriminali;

v. Ittantat tagħmel xi ħwejjeġ jew attivitajiet kif definiti fis-subparagrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq u dan fit-tifsir tal-artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali;

vi. Aġixxiet bħala kompliċi fit-tifsir ta' l-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-subparagrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta’ hawn fuq;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tordna 'Ordni ta' Qbid u Iffiriżar' li bih tiġi sekwestrata kwalunkwe proprjetà inkluż dik li tkun f'idejn partijiet terzi, li dwarha hemm raġuni valida sabiex jitwemmen li l-proprjetà hija soġġetta għall-konfiska, u li żżomm u tipprojbixxi lill-imputata milli tittrasferixxi, tagħti b'rahan, tipoteka, jew b'xi mod ieħor tbiddel jew tiddisponi minn dik il-proprjetà u minn proprjetà oħra tagħha jew li tkun fil-pussess tagħha b'dana li l-ammont li għandu jiġi ssekwestrat ikun jammonta għal sebat elef u ħamsa u għoxrin Ewro (€7025) u dan ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif regolat bl-Artikolu 36(1) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija jew ħtijiet, barra milli tinfliġġi l-pieni stabbiliti fil-Liġi u b'żieda mal-imsemmija piena, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esibiti, tal-corpus delicti u l-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun ġie miksub bid-delitt.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa, tinkludi fis-sentenza tagħha ordni ta' konfiska li bih tiġi konfiskata kwalunkwe proprjetà li l-Qorti tiddetermina li tkun proprjetà li hija soġġetta għal-konfiska bħala konsegwenza ta' sejbien ta' ħtija u dan ai termini tal-artikolu 38(1) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll b'żieda ma' kull kastig li jista' jingħata b'sentenza min jinsab ħati ta' reat rilevanti, tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li ġie mir-reat jew ta' dik il-propjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat kif ukoll il-konfiska ta' kull propjetà li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna misjuba ħatja, ai termini tal-Artikolu 23B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'każ ta' ħtija għar-reat hawn fuq imsemmi, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tħaddem kontra l-hatja d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u/jew 28H kemm il darba tingħata sentenza sospiża, tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-Liġi;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant filwaqt li l-prosekuzzjoni eżebiet l-ordni tal-Avukat Ġenerali, l-fedina penali u dokument ta' identifikazzjoni tal-akkużata, talbu li dan il-każ jiġi trattat skont il-Liġi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-artikolu 370(4) tad-29 ta' Ġunju 2024 li bih ta' l-kunsens sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, l-Qorti spjegat il-portata ta' l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-akkużata sabiex terġa tikkonsulta mal-Avukat tagħha, u tatha wkoll żmien biex terġa tikkonsidra l-ammissjoni tagħha, u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-akkużata jekk hux qed tikkonferma l-ammissjoni tagħha, hija kkonferma l-ammissjoni.

Rat l-atti proċesswali kollha.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużata ħatja ta' l-akkużi miġjuba fil-konfront tagħha. Fir-rigward tal-piena l-Qorti ikkunsidrat il-fedina penali netta tal-akkużata, li uħud mill-oġġetti misruqa ġew ritornati, u li l-akkużata ikkoperat mal-Pulizija Eżekuttiva.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 17, 18, 261(ċ), 267, u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 2 u 3(1) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-akkużata stess il-Qorti ssib lill-akkużata Petronela-Claudia Ciubotariu, detentriċi tal-passaport Rumen bin-numru 064999128 ħatja tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha, u tikkundannha għal piena ta' ħmistax (15) il-xahar ħabs effettivi li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-akkużata nżammet f' arrest preventiv.

Il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 23, 23A u 23B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 38 tal-Kapitolu 621 tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u tal-ammont ta' sebat elef u ħamsa u għoxrin ewro (€7,025) favur il-gvern ta' Malta kif ukoll wara li rat l-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna lill-ħatja sabiex tirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnha misruqa, jew li tħallas lil dik il-parti l-valur tal-oġġetti misruqa kif jirriżultaw mill-atti proċesswali.

Finalment il-Qorti abbażi tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna lill-akkużata tħallas l-ispejjeż tal-esperti u periti maħtura waqt dawn il-proċeduri jew f'xi inkjesta relatata.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------